# L-Imsida Snin Ilu

Mario Fenech



Il-Festa tal-Msida minn dejjem kienet Festa Poplari man-nies, mhux biss tal-inħawi, iżda wkoll minn dawk il-ħafna li jersqu lejn din il-lokalita biex jassistu għal dak li jkunu ippreparaw id-dilettanti tal-Festa ta' San Ġużepp biex il-Festa tiġi ċċelebrata b'mod xieraq.

Waħda mill-attivitajiet li minn dejjem kienet popolari man-nies hija l-Ġostra. F'dan ir-ritratt li jeħodna lura fis-snin sew naraw xena mill-isbaħ ta' din il-logħba li kienet issir ftit qabel ma tibda ħierġa l-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp.
Ir-ritratt inġibed meta kien għad hemm il-bini tat- "Torpedo Depot" u fid-daħla tal-baħar ta' quddiem il-knisja kienu għadhom jankraw il-laneċ tan-navy Ingliża u bċejjeċ oħrajn tas-Servizzi. Dawn kienu jagħmlu xi ftit tal-wisa' biex f'nofs il-baħar jiġi ankrat il-barkun bl-arblu midluk bix-xaħam bil-bnadar żgħar fit-tarf tiegħu biex tkun tista isir il-ġostra .

Madwar il-barkun kienu jinġabru numru kbir ta'bċejjeċ tal-baħar zgħar bħal ma huma frejgatini u dgħajes tal-pass mgħobbija bin-nies biex isegwu mill-qrib din il-logħba, kif naraw fir-riratt, kif ukoll nies oħrajn mad-dawra tal-moll.
Meta inġibed dan ir-ritratt kien għadu qiegħed jimbena l-Isptar San Luqa filwaqt li l-Knisja tas-Sorijiet tal-Ursolini li kienet tlestiet fis-sena 1959 tidher sew fuq għolja fuq in-naħa tal-lemin tar-riratt.



Fl-inħawi tat-telgħa li llum hija magħrufa bħala "tal-isptar", il-bini kien għadu ma okkupax għal kollox il-post tal-għelieqi, filwaqt li mad-dawra tal-baħar il-bini ma kienx kummerċjali bħalma sar llum.
Il-ħitan ta' dak li qabel kien it-"Torpedo Depot" tneħħew snin ilu u llum sar ġnien għal kumditaċ tal-pubbliku, filwaqt li minnflok il-bċejjeċ tal-baħar tal-gwerra qegħdin jinġabru għadd ġmielu ta' Yacths.

Kienu żminijiet differenti fejn il-poplu kien jistenna bil-ħerqa dawn l-attivitajiet kif wara kollox għadu jagħmel sal-lum meta ssir il-ġostra waqt il-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp fl-Msida.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**